MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 183/2007

Il-Pulizija
(Spt. A. Portelli)
vs.
Amadeo Grima

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Settembru, 2002, f'xi hin bejn 12.15 p.m. u 3.30 p.m., waqt li kien fis-Siggiewi,
1. ikkommetta serq ta' LM 70 fi flus kontanti mill-hanut "Agricentre", liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u li sar ghad-detriment tad-diretturi ta' l-Agricultural Co-operative Ltd;
2. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-LM10 izda hija

inqas minn LM50, u dan ghad-dannu tad-diretturi ta' l-Agricultural Co-operative Ltd;
3. irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla 6 datata 11 t'Awissu, 1998 u mill-Qorti ta' l-Appell datata 2 ta' Marzu, 2000, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
4. kiser id-disposizzjonijiet tal-Art. 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Joseph Cassar LL.D fil-15 ta' Lulju, 2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 t'April, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 263, 278(1), 325 (c), 49 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 (illum Kap 446) u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati w ikkundannatu ghal prigunerija ta' tmin (8) xhur sospiza ghal sentejn (2).
Il-Qorti ddikjarat ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-appellat fi kliem car ir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat li kienet qed issib htija fir-rigward tat-tielet akkuza limitatament ghall-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u fejn erogat piena ta' prigunerija ta' tmin xhur sospiza ghal sentejn, u minflok tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa li l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha osservat :

1. li ghalkemm kien qed isibu hati tad-debitu recidiva din kienet qed taghmlu biss skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk presumibbilment mhux taht l-artikolu 50 ukoll, meta jirrizulta minn tlett sentenzi esebiti mill-prosekuzzjoni li l-imsemmi artikolu 50 kien japplika ghal dan il-kaz b'konsegwenza li s-sospensjoni tas-sentenza ta' prigunerija kienet prekluza mid-dispozizzjoni tal-artikolu 28 (7)(b) tal-imsemmi Kodici ;
2. li t-tieni aggravju tal-esponent huwa bla pregudizzju ghal premess li l-kaz in dizamina kien jimmerita piena ta' prigunerija effettiva;
3. li l-appellat instab hati darbtejn precedentement ta' serq u dana biss ftit snin qabel ir-reati kommessi f'dan il-kaz, ghalhekk tenut kont ta' l-ispavalderija, il-persistenza, l-kommissjoni ta' reati w in-nuqqas ta' rikonoxxenza lejn l-Awtorita' tal-Qorti tal-appellat, il-piena ta' prigunerija sospiza mhix idonea ghac-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat il-verbal tal-lum li bih id-difiza aderiet mal-aggravji tal-prosekuzzjoni u qablet li f'dan il-kaz ma tistax tigi applikata piena ta' prigunerija sospiza, in vista ta' dak li hemm dizpost fl-artikolu 28A (7)(b) tal-imsemmi Kodici.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat,

Illi kif lealment accettat id-difiza fis-seduta tal-lum, l-aggravji tal-Avukat Generali jimmeritaw li ghandhom jigu milqugha ghaliex id-dispozizzjoni tal-ligi fl-artikolu 28A (7)(b) tal-Kodici Kriminali hija cara fis-sens illi ma tistax tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza f'kaz fejn il-hati jkun recidiv.

Illi mbaghad meta wiehed iqis il-fedina penali refrettarja tal-appellat li minnha jidher li diga' gie sentenzjat ghall-piena ta' prigunerija f'okkazjonijiet precedenti jidher li hu l-kaz li ghandu jkun hemm piena restrittiva tal-liberta' effettiva f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-

akkuzi dedotti kontra tieghu, w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal piena ta' prigunerija ta' tmin (8) xhur sospizi ghal sentejn u minnflok tikkundannah ghall-istess piena ta' prigunerija ghal zmien tmin (8) xhur li ghandha tidhol in effett immedjatament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------